MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 435/2007

**A**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-2 ta' Novembru, 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi għal dawn l-aħħar erba' snin u nofs, huwa kellu relazzjoni ma' B ta' nazzjonalita'estera, u minn liema relazzjoni hija kellu tifla jisimha Z;

2. Illi t-tifla twieldet hawn Malta nhar il-15 ta' Novembru elfejn u erbgħa (15/11/2004) u llum għandha kważi tliet snin, kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid tagħha li

kopja tiegħu qed jiġi hawn anness u mmarkat Dokument "A"l

3. Illi mit-twelid tagħha sa ftit ġranet ilu, it-tifla minuri Z u ommha kienu jgħixu hawn Malta u t-tifla kienet tattendi *playschool* hawn Malta;

4. Illi sa ftit ġimgħat ilu l-esponenti kellu relazzjoni tajba ma' omm it-tifla, iżda r-relazzjoni birdet xi ftit f'dawn l-aħħar ġimgħa u f'dan il-perjodu, huwa kien mar jgħix fuq id-dgħajsa tiegħu iżda kien imur jara lit-tifla kważi kuljum u jqatta' il-ħin magħha;

5. Illi fl-20 ta' Ottubru, 2007 huwa mar id-dar sabiex jara lit-tifla u skopra li la l-intimata u lanqas it-tifla ma kienu hemm u minflokhom sab ħabiba ta' l-intimata ukoll ta' l-istess nazzjonalita' tal-konvenuta.

6. Illi huwa mara jagħmel rapport l-għassa tal-pulizija u skopra li t-tifla ttieħdet minn Malta jumejn qabel u cioe' fid-19 ta' Ottubru, 2007;

7. Illi t-tifla ttieħdet minn Malta minn ommha b'mod illegali u in vjolazzjoni tad-drittijiet tiegħu ta' kustodja fil-konfront tagħha;

8. Illi t-tifla għandha passaport Malti u dan ma nstabx wara li din telqet minn Malta;

9. Illi omm it-tifla qed tirrikattah u theddu illi m'huwiex sejjer jara lil bintu aktar jekk ma jintrabatx illi jħallasha s-somma mensili ta' tliet mitt Lira Maltin (Lm300);

10. Illi sal-lum, ir-rikorrenti ma jafx fejn tinstab it-tifla u l-uniku kuntatt magħha huwa *tramite* telefon ċellulari li qed iħallas għalih huwa stess u qed iċemplilha kuljum għall-ħabta ta' nofsinhar biex ikellimha;

11. Illi l-aġir illegali da parti ta' omm it-tifla jammonta għal trasferiment illegali tat-tifla minuri ai termini ta' l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja tal-Minuri (Kap.

410 tal-Liġijiet ta' Malta) kif ukoll għall-finijiet ta' Artiklu 3 tal-Konvenzjoni tal-Ajja dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri ffirmata fil-25 ta' Ottubru, 1980 u ta' Artiklu 12 tal-Konvenzjoni Ewropea tal-Lussemburgu dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Kustodja ta' Minuri u dwar ir-Restituzzjoni tal-Kustodja tal-Minuri ffirmata fl-20 ta' Mejju, 1980;

12. Illi r-rikorrent bla ebda dubbju igawdi minn drittijiet ta' *patria potestas* skond il-Liġi ta' Malta u ai termini ta' l-istess Att u Konvenzjoni;

13. Illi r-rikorrenti għandu kull interess illli jiżgura li t-tifla minuri tiġi ritornata hawn Malta fil-pajjiż tar-residenza tagħha;

14. Illi fiċ-ċirkostanzi li jistgħu jiġu spjegati waqt il-kors tal-kawża, huwa fl-aħjar interess tat-tifla minuri li tiġi fdata fil-kura u l-kustodja esklussiva ta' missierha l-esponenti;

15. Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti bil-Liġi sabiex din l-Onorabbli Qorti teserċita l-funzjonijiet u poteri tagħha sabiex l-imsemmija minuri tiġi ritornata f'Malta a tenur tal-Kap. 410 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana oltre l-awtorita' tagħha solita skond id-disposizzjonijiet ġenerali tal-Liġi.

Għaldaqstant, l-esponenti nomine jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tieħu dawk il-passi u proċeduri kollha meħtieġa sabiex jiġi assigurat ir-ritorn tal-minuri Z f'Malta li hija l-pajjiż tar-residenza abitwali tagħha u b'dan il-għan:

1. Minnufih tiddikjara u tordna li l-minuri Z għandha tiġi fdata esklussivament fil-kura u kustodja ta' missierha A;

2. Tiddikjara jekk ikun il-każ illi l-minuri Z kienet residenti abitwali hawn Malta sa minn twelidha għall-finijiet tal-Konvenzjoni tal-Ajja dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru

Internazzjonali ta' Minuri ffirmata fil-25 a' Ottubru, 1980 u ta' Artiklu 12 tal-Konvenzjoni Ewropea tal-Lussemburgu dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Kustodja ta' Minuri u dwar ir-Restituzzjoni tal-Kustodja ta' Minuri ffirmata fl-20 ta' Mejju, 1980;

3. Tiddikjara li r-ritenzjoni ta' l-imsemmija minuri Z barra minn Malta tikkostitwixxi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' minuri (Hague Convention);

4. Tagħti dawk il-provvedimenti u ordnijiet kollha xierqa u neċessarji sabiex l-imsemmija minuri Z tiġi ordnata li tirritorna f'Malta bla ebda dewmien;

5. Tieħu dawk il-provvedimenti kollha opportuni sabiex it-tifla minuri Z tiġi ritornata Malta, inkluż il-ħruġ ta' ordni lill-Awtoritajiet kompetenti mwaqqfa għat-tenur tal-Konvenzjoni tal-Ajja u tal-Konvenzjoni Ewropea tal-Lussemburgu għar-ritorn tagħha hawn Malta;

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li qed tiġi nġunta minn issa in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-3 ta' Diċembru, 2007 li permezz tagħha l-kuraturi esponew bir-rispett:

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk qed jirriservaw id-dritt li jippresentaw risposta motivata kif jiġ edotti fi stadju ulterjuri.

2. Salv risposta ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat il-verbali tas-seduti.

Semgħet ix-xhieda u rat l-affidavit ta' l-attur.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-14 ta’ Diċembru, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok għal kawża kienu kif spjegati fir-rikors promotur u l-attur issostanzja dan permezz tal-provi li ressaq. Jidher ċar għall-Qorti li l-konvenuta telqet minn Malta bil-minuri u dan mingħajr ma ġie informat l-attur. Għalhekk l-aġir tal-konvenuta hu kjarament bi ksur tal-liġijiet imsemmija fir-rikors.

**Il-Qorti għalhekk fiċ-ċirkostanzi taderixxi mat-talbiet kollha ta’ l-attur u tilqagħhom kollha. L-ispejjeż ikunu a kariku tal-konvenuta, prevja l-ħlas provisorju tal-kuraturi da parti ta’ l-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------